31977R2564

23.11.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 299/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2564/77

tat-22 ta' Novembru 1977

li jemenda Regolament (KEE) Nru 1351/72 fuq l-għarfien ta' gruppi ta' produtturi tal-ħops

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EEC) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 fuq l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-ħops ([1]), kif l-aħħar emendat minn Regolament (KEE) Nru 1170/77 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) mehmuż,

Billi Regolament (EEC) Nru 1170/77 emenda id-disposizzjonijiet marbuta ma' gruppi ta' produtturi magħrufa, speċjalment rigward l-membri u l-funzjonijiet tagħhom,

Billi dawn il-funzjonijiet ġew estiżi; billi jridu għalhekk isiru disposizzjonijiet li, sabiex grupp ikun magħruf, ir-regoli tiegħu jridu jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri ikunu konxji ta' l-obbligazzjonijiet tagħhom fil-grupp;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 1351/72 tat-28 ta' Ġunju 1972 dwar l-għarfien ta' gruppi ta' produtturi tal-ħops ([3]) iridu jkunu emendati skond il-bżonn, b'mod partikulari fejn tidħol il-politika ta' dawk il-gruppi biex ibiegħu l-produzzjoni tagħhom u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna tal-produzzjoni;

Billi l-miżuri li jaħseb għalihom dan ir-Regolament jaqblu mal-fehma tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħops.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (EEC) Nru 1351/72 huwa hawnhekk emendat u jinqara skond li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Ir-regoli komuni msemmija fl-Artikolu 7(3)(a) u (b) tar-Regolament (EEC) Nru 1696/71 se jkunu stabbiliti bil-miktub. Dawn ir-regoli se jinkludu għall-inqas:

(a) fejn tidħol il-produzzjoni:

(aa) L-użu ta' wieħed jew aktar varjetajiet speċifikati meta l-imxietel ikunu mġedda jew meta jinħolqu l-ġodda

(bb) konformità ma' ċerti metodi ta' tkabbir u protezzjoni tal-pjanti,

(ċċ) l-ħsad, it-tnixxif u, fejn jixraq, il-preparamenti għal marketing;

(b) ejn jidħol il-bejgħ, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-konċentrazzjoni u l-kondizzjonijiet tal-provvista:

(aa) disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-bejgħ mill-grupp,

(bb) disposizzjonijiet marbuta mal-kwantitajiet li l-produtturi huma awtorizzati li jbiegħu huma stess u r-regoli li jirregolaw dak il-bejgħ,

(ċċ) il-kondizzjonijiet li dwarhom tista' tingħata għajnuna ta' produzzjoni lill-grupp skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 jistgħu jintużaw għall-miżuri ta' l-istabbilità tas-suq.

2. 'L-ewwel stadju ta' marketing' ifisser il-bejgħ tal-ħops mill-produttur innifsu jew, fil-każ tal-grupp tal-produtturi, il-bejgħ tal-ħops mill-membri tiegħu lin-negozjant bl-ingrossa jew lill-industriji li jużawh."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1977.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

([1]) ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.
([2]) ĠU L 137, tat-3.6.1977, p. 7.
([3]) ĠU L 148, tat-30.6.1972, p. 13.